MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1077/2011

**Ancams Marketing Limited, Ancams Limited u GD Trading Company Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatatrju specjali tas-socjeta estera San Pellegrino S.p.A u minnu lokalment rapprezentata**

F'din il-kawza l-atturi qeghdin jippretendu hlas ta' kumpens u danni ghall-arrikkiment indebitu u ksur unilaterali ta' kuntratt ta' distributorship ta' prodotti. L-atturi qeghdin jitolbu li l-qorti:-

1. Tiddikjara li ghandhom jigu kkumpensati ghall-arrikiment indebitu li sar mill-konvenuta.
2. Tiddikjara li l-attrici sofriet danni kawza tat-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim mill-konvenuta u r-rifjut taghha li taghti aktar prodotti.
3. Tillikwida l-kumpens u danni permezz ta' periti.

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas il-kumpens u d-danni li jigu likwidati lill-atturi.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuta qeghda ssostni li l-qorti m'ghandix gurisdizzjoni minhabba klawzola ta' arbitragg li hemm fil-kuntratt. Permezz ta' din is-sentenza ser tigi deciza din l-eccezzjoni.
Taht dan it-tip ta' ftehim, cjoe' *distribution agreement*, kumpannija bhal konvenuta taghti lill-parti ohra (*distributor*), id-dritt li tbiegh f'isimha u fl-interess taghha, prodotti mmanifatturati jew li tqassmilha. Ghalhekk il-parti l-ohra tiehu r-riskju kummercjali tan-negozju.
Mill-atti jirrizulta s-segwenti:-
i. Permezz ta' skrittura privata datata 2 ta' Jannar 1998, Acqua Vera Spa tat lil Ancams Ltd ghas-sena 1998, an *exclusive distributors rights* ghall-ilma minerali VERA ghal Malta (fol. 6).
ii. Permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Marzu 2001 u ffirmata fil-21 ta' April 2001 (fol. 10), San Pellegrino S.p.A tat lil Ancams Ltd ghall-perjodu **1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Dicembru 2003**, *'the exclusive right to import and sell the Licensed Products in the Territory and to use, in compliance with SP's instructions and subject to Article 8 below, the Trademarks and the Merchandising know-how in connection therewith. Ancams shall sell in its own name and for its own account in the Territory the Licensed Products and it shall purchase from SP the Licensed Products pursuant to the terms and conditions set forth in this Memoradum.'*. Fil-ftehim jinghad li *'no automatic extension of the duration is allowed.'* U li tlett xhur qabel jiskadi t-terminu l-partijiet jinnegozaw tigdid tal-kuntratt, *'it being understood that the Parties will not in any way be under the obligation to reach an understanding in this regards.'*. Fil-ftehim hemm klawzola ta' arbitragg (klawzola 14).
iii. Permezz ta' skrittura ohra li giet iffirmata fl-ewwel xhur tal-2004 (fol. 18) bejn Ancams Limited u San Pellegrino S.p.A, il-partijiet ghamlu riferenza ghall-ftehim li ffirmaw fil-21 ta' April 2001 u ddikjaraw li kienet l-intenzjoni taghhom li jgeddu l-ftehim ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Dicembru, 2006. Ftehemu wkoll

li *“All and any other provisions of the Agreement remain unchanged and in full force between the parties.”*.

iv. F’email datata 25 ta’ Jannar 2007 (fol. 96) l-ufficjal tal-kumpannija attrici Ancams Marketing Limited (Carmen Micallef) ghamlet riferenza ghall-kuntratt li kien skada fil-31 ta’ Dicembru 2006 u talbet li l-ftehim jigi mgedded ghall-perjodu iehor u taht pattijiet u kondizzjonijiet godda. F’email datata 17 ta’ Dicembru 2007 (fol. 90) mibghuta minn San Pellegrino SpA (Roberto Bettinelli), jinghad li *‘Spero che nelle prossime settimane possiamo concretamente formalizzare il nostro rapporto raggiunto in un accordio formale dove Ancams Marketing Limited si stabilisce, ancora, da Nestle San Pellegrino (Milano) come distributore esclusivo di prodotti Vera nel territorio Maltese secondo il rapporto gia’ stabbilito considerando ance la posizione sui generis del mercato e del territorio maltese....’*.

v. Permezz ta’ ittra datata 24 ta’ Ottubru 2008 Nestle Malta Limited infurmat lil Ancams Marketing Limited li b’sehh mill-1 ta’ Jannar 2010 kienet ser tibda tqassam direttament l-ilma Vera (fol. 73). Minn dokumenti prezentati mill-atturi, jidher li din l-ittra ntbaghatet bl-approvazzjoni tal-konvenuta. Tant hu hekk li b’ittra datata 17 ta’ Novembru 2008 (fol. 66), San Pellegrino SpA ikkonfermat b’effett mill-1 ta’ Jannar 2010 Nestle Malta kienet ser tkun qeghda tqassam l-Acqua Vera f’Malta.

Il-qorti hi tal-fehma li:-

i. Bejn GD Trading Company Limited ma kienx hemm relazzjoni kuntrattwali. Fil-fatt f’nota li pprezentaw l-atturi fl-20 ta’ Dicembru 2011 spjegaw li originarjament ir-relazzjoni kienet bejn din il-kumpannija u Sogeam.

ii. Bejn Ancams Limited u San Pellegrino SpA ma kienx hemm relazzjoni kuntrattwali fiz-zmien meta ntbaghatet l-ittra tal-24 ta’ Ottubru 2008. Mill-atti hu evidenti li f’dak iz-zmien negozju kien qieghed isir bejn San Pellegrino SpA u Ancams Marketing Limited. L-atturi stess jikkonfermaw dan il-fatt fin-nota li pprezentaw a fol. 37, konfermat ukoll mill-korrispondenza li pprezentat l-attrici.

Ghalhekk kull pretensjoni li jista’ ghandhom Gd Trading Limited u Ancams Limited, jistghu biss jigu ndirizzati taht l-ilment ta’ arrikkiment indebitu (ara l-ewwel talba tar-rikors

guramentat). Fil-premessi tar-rikors guramentat jinghad li: *“Illi fil-fatt kienu s-socjetajiet esponenti li introducew il-prodotti tas-socjeta intimata fis-suq lokali, ghamlu hidma konsiderevoli tul dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena u investiment konsiderevoli fl-esercizzju ta’ marketing sabiex introducew, ippromovew u zammew l-istess prodotti fuq is-suq lokali u holqu f’Malta klijentela vasta ghall-istess prodotti tas-socjeta intimata b’rizultat ta’ liema l-istess socjeta intimata gawdiet u sa issa qed tgawdi a skapitu tal-hidma li ghamlu s-socjetajiet esponenti.”*. Gialadarba jirrizulta li fiz-zmien in kwistjoni ma kienx ghad baqa’ relazzjoni kuntrattwali bejn San Pellegrino SpA u Ancams Limited u GD Trading Company Limited, ma tistax tapplika klawzola arbitrali li hemm fi ftehim li:-

i. GD Trading Company Limited qatt ma kienet parti ghalih;

ii. Kien skada u ma baqax isir negozju bejn Ancams Limited u San Pellegrino SpA.

Fir-rigward ta’ Ancams Marketing Limited, minkejja l-argumenti interessanti li ghamlu l-partijiet fin-noti ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw, il-qorti hi tal-fehma li l-klawzola arbitrali ma tapplikax, meqjus li:-

1. L-ahhar kuntratt bil-miktub kien dak li ffirmaw San Pellegrino SpA u Ancams Limited, u li permezz tieghu l-partijiet ftehemu li Ancams Limited tibqa’ *exclusive distributor* ghal Malta taht l-istess pattiijet u kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-21 ta’ April 2001. Ftehim li skada fil-31 ta’ Dicembru 2006.

2. Ancams Marketing Limited u San Pellegrino SpA qatt ma ffirmaw ftehim. Mill-emails li saret riferenza ghalihom hawn fuq, hu evidenti li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li wara li skada l-kuntratt fil-31 ta’ Dicembru 2006, kellu jigi ffirmat ftehim gdid. Haga li qatt ma grat. Ghalkemm Ancams Marketing Limited u San Pellegrino SpA ghamlu negozju bejniethom sakemm San Pellegrino SpA hadet id-decizjoni li ma tkomplix, ma jfissirx li r-relazzjoni taghhom kienet regolata mill-pattijiet u kondizzjonijiet li hemm fil-kuntratt tal-21 ta’ April 2001.

3. Fil-ftehim tal-21 ta‘ April 2001 li sar bejn San Pellegrino SpA u Ancams Limited, fejn hemm il-klawzoli arbitrali li l-konvenuta qeghda tinvoka permezz tal-ewwel eccezzjoni, jinghad car u tond li wara l-31 ta’ Dicembru

2003 ***'no automatic extension of the duration is allowed.'*** u li kellu jigi negozjat it-tigdid tal-kuntratt. Ghalhekk il-ftehim m'huwiex jikkontempla l-possibilta ta' tigdid tacitu. Sahansitra wara li skada l-ftehim fil-31 ta' Dicembru 2003, sar ftehim gdid bil-miktub. Kondizzjoni li kienet tapplika wkoll fir-rigward tal-ftehim ffirmat fil-bidu tal-2004 fejn jinghad li *"All any other provisions of the Agreement remain unchanged and in full force between the parties."*. Ftehim li jirrizulta li qatt ma ntlahaq wara l-31 ta' Dicembru 2006.

F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex sodisfatta li r-relazzjoni kuntrattwali bejn Ancams Marketing Limited u San Pellegrino SpA hi regolata mill-pattijiet u kondizzjonijiet tal-ftehim iffirmat fil-21 ta' April 2001. Ghalhekk il-klawzola arbitrali ma tapplikax. Hu minnu li Ancams Marketing Limited u l-konvenuta kienu qeghdin jaghmlu negozju bejniethom, pero dan ma jfissirx li dan kien qieghed isir taht il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-2001. Irrispettivament ta' x'inhi l-fehma tal-partijiet, il-qorti ma tistax tapplika l-kundizzjonijiet ta' kuntratt li fil-fehma taghha kien skada.
**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta**. **Tordna li jitkompla s-smiegh tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------